



Il-Qorti Ġenerali essenzjalment tiċħad ir-rikors ta' Google kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata li l-impriża abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi ffavorixxiet is-servizz rispettiv tagħha ta' tqabbil ta' prodotti meta mqabbla ma' servizzi oħra kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti

Il-Qorti Ġenerali tikkonferma l-multa ta' EUR 2.42 biljun imposta fuq Google

Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni kkonstatat li, fi tlettax-il pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea ¹, Google kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti li hija għandha fis-suq tat-tiftix ġenerali fuq l-internet billi ffavorixxiet is-servizzi rispettivi tagħha ta' tqabbil ta' prodotti, servizz ta' tiftix speċjalizzat, meta mqabbla mas-servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti. Minn naħa, il-Kummissjoni qieset li r-riżultati ta' tiftix ta' prodotti mniedi min magna ta' tiftix ġenerali ta' Google kienu ppożizzjonati u ppreżentati b'mod iktar attraenti meta dawn kienu r-riżultati rispettivi tas-servizz ta' tqabbil ta' prodotti ta' Google milli fil-każ tar-riżultati li joriġinaw minn servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti. Min-naħa l-oħra, dawn tal-aħħar, li kienu jidhru bħala sempliċi riżultati ġeneriċi (ippreżentati fil-forma ta' links bluni) x'aktarx li jiġu, minħabba dan il-fatt, b'kuntrastr mar-riżultati tas-servizz ta' tqabbil ta' prodotti ta' Google, ikklassifikati iktar l-isfel mill-algoritmi ta' aġġustament fil-paġni ta' riżultati ġenerali ta' Google.

Għal dan il-ksur, il-Kummissjoni imponiet fuq Google sanzjoni pekunjarja li tammonta għal EUR 2 424 495 000, li minnhom EUR 523 518 000 kienu *in solidum* ma' Alphabet, il-kumpannija omm tagħha.

Google u Alphabet ippreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-Illum, il-Qorti Ġenerali **essenzjalment tiċħad ir-rikors taż-żewġ kumpanniji u tikkonferma l-multa imposta mill-Kummissjoni.**

I. Il-Qorti Ġenerali tirrikonoxxi n-natura antikompetittiva tal-prattika kontenzjuża

Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali tqis li s-sempliċi pożizzjoni dominanti ta' impriża, anki jekk waħda tad-daqs ta' dik ta' Google, ma timplika ebda akkuża fir-rigward tal-impriża kkonċernata, anki jekk hija tkun qed tippjana li tespandi f'suq relatat. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, **billi ffavorixxiet is-servizzi rispettivi tagħha ta' tqabbil ta' prodotti fil-paġni tagħha ta' riżultati ġenerali permezz ta' preżentazzjoni u ta' pożizzjonament privileġġjati, filwaqt li tirrelega, f'dawn il-paġni, ir-riżultati tas-servizzi kompetituri ta' tqabbil, permezz ta' algoritmi ta' klassifikazzjoni, Google eliminat il-kompetizzjoni abbażi tal-mertu.** Fil-fatt, minħabba tliet ċirkustanzi speċifiċi, jiġifieri, (i) id-daqs kunsiderevoli tat-traffiku ġġenerat mill-magna ta' tiftix ġenerali ta' Google għas-servizzi ta' tqabbil ta' prodotti, (ii) l-aġir tal-utenti li ġeneralment jiffokaw fuq l-ewwel riżultati kif ukoll (iii) il-proporzjon kunsiderevoli u n-natura effettivament mhux sostitwibbli tat-traffiku "iddevjat" fit-traffiku tas-servizzi ta' tqabbil ta' prodotti, il-prattika kontenzjuża kienet ta' natura li twassal għal tidjif tal-kompetizzjoni fis-suq.

¹ Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, l-Isvezja, ir-Renju Unit u n-Norveġja.

Il-Qorti Ġenerali tinnota wkoll li, meqjusa l-vokazzjoni universali tal-magna ta' tiftix ġenerali ta' Google, li hija pplanata għall-indiċjar tar-riżultati li jinkludu l-kontenuti kollha possibbli, il-promozzjoni, fil-paġni tar-riżultati ta' Google, ta' tip wieħed ta' riżultat speċjalizzat, jiġifieri dak tagħha, għandha ċerta forma ta' anormalità. Fil-fatt, magna ta' tiftix ġenerali hija infrastruttura, bħala prinċipju, miftuħa, li r-raġuni tal-eżistenza tagħha hija l-valur li jinstab fil-kapaċità tagħha li tkun miftuħa għar-riżultati li ġejjin minn barra, jiġifieri, minn sorsi terzi u li turi dawn is-sorsi li jarrikkuha u jagħtuha kredibbiltà.

Wara dan, il-Qorti Ġenerali tqis li l-kawża preżenti tirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' provvista minn Google tas-servizz tagħha ta' tiftix ġenerali permezz tal-aċċess għall-paġni ta' riżultati ġenerali mis-servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti. Hija tindika, f'dan ir-rigward, li l-paġna ta' riżultati ġenerali tippreżenta karatteristiċi li javviċinawha għal faċilità essenzjali sa fejn attwalment ma jeżisti l-ebda sostitut attwali jew potenzjali disponibbli li jippermetti li din tiġi ssostitwita b'mod ekonomikament vijabbli fis-suq. Madankollu, il-Qorti Ġenerali tikkonferma li kull prattika relatata mal-aċċess għal tali faċilità ma timplikax neċessarjament li għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-kundizzjonijiet applikabbli għar-rifjut ta' provvista stabbiliti fis-sentenza Bronner², li Google tinvoka insostenn tal-argumenti tagħha. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tqis li l-prattika kontenzjuża ma hijiex imsejsa fuq rifjut ta' provvista iżda fuq differenza fit-trattament imwettqa minn Google għall-benefiċċju biss tas-servizz rispettiv tagħha ta' tqabbil, b'tali mod li s-sentenza msemmija iktar 'il fuq ma hijiex applikabbli għall-kawża preżenti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li t-trattament differenzjat applikat minn Google iseħħ skont l-oriġini tar-riżultati, jiġifieri, skont jekk dawn joriġinawx mis-servizz rispettiv tagħha ta' tqabbil jew mis-servizzi kompetituri ta' tqabbil. Il-Qorti Ġenerali għalhekk tiddeċiedi li, fil-verità, **Google tiffavorixxi s-servizz rispettiv tagħha ta' tqabbil meta mqabbla mas-servizzi kompetituri ta' tqabbil u mhux riżultat aħjar minn ieħor.** Il-Qorti Ġenerali tinnota, f'dan ir-rigward, li, anki jekk ir-riżultati tas-servizzi kompetituri ta' tqabbil ikunu iktar rilevanti, dawn qatt ma jkun jistgħu jibbenefikaw minn trattament simili għal dak tar-riżultati tas-servizz ta' tqabbil Google f'dak li jirrigwarda l-pożizzjonament u l-preżentazzjoni tagħhom. Ċertament, Google fil-frattemp ippermettiet li s-servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti jtejbu l-kwalità tad-dehra tar-riżultati tagħhom billi jaċċedu għall-"boxes" tagħha permezz ta' ħlas, iżda l-Qorti Ġenerali tikkonstata li tali servizz kien suġġett għal kundizzjonijiet u li s-servizzi ta' tqabbil ta' prodotti kienu jbiddu l-mudell ekonomiku tagħhom u kienu jirrinunċjaw li jkun kompetituri diretti ta' Google sabiex isiru klijenti tagħha.

II. Il-Kummissjoni ġustament ikkonstatat effetti li jikkawżaw dannu għall-kompetizzjoni

Il-Qorti Ġenerali tiċċhad l-argumenti invokati minn Google sabiex tikkontesta s-siltiet tad-deċiżjoni kkontestata relatati mal-**konsegwenzi tal-prattika kontenzjuża fuq it-traffiku.** F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li dawn l-argumenti jieħdu inkunsiderazzjoni biss l-impatt tad-dehra tar-riżultati tas-servizz ta' tqabbil ta' prodotti ta' Google mingħajr ma jieħdu inkunsiderazzjoni dak tal-pożizzjonament ħażin tar-riżultati tas-servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti fir-riżultati ġeneriċi. Madankollu, **il-Kummissjoni kienet ikkontestat l-effetti konġunti ta' dawn iż-żewġ aspetti** billi bbażat ruħha fuq diversi elementi, b'mod partikolari data konkreta dwar traffiku u l-korrelazzjoni bejn il-viżibbiltà ta' riżultat u t-traffiku lejn is-sit li minnu joriġina dan ir-riżultat, sabiex tistabbilixxi r-rabta bejn l-aġir ta' Google u t-tnaqqis globali ta' traffiku mill-paġni tagħha ta' riżultati ġenerali lejn is-servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti u ż-żieda sinjifikattiva ta' dan it-traffiku lejn is-servizzi rispettivi tagħha ta' tqabbil ta' prodotti.

Fir-rigward tal-**effetti tal-prattika kontenzjuża fuq il-kompetizzjoni**, il-Qorti Ġenerali tfakkar li jkun hemm abbuż ta' pożizzjoni dominanti meta l-impriża dominanti, billi tuża miżuri differenti minn dawk li jirregolaw kompetizzjoni normali, tostakola ż-żamma tal-livell ta' kompetizzjoni jew l-iżvilupp ta' din il-kompetizzjoni, u li dan jista' jiġi stabbilit biss billi jintwera li l-aġir tagħha jkun jista' jirrestrinġi l-kompetizzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni, anki li kieku kellha tanalizza ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti, inklużi l-argumenti ta' Google dwar l-iżvilupp reali tas-swieq, ma kinitx obligata li tidentifika effetti reali ta' esklużjoni mis-swieq. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, f'dan

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner ([C-7/97](#)), ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa [72/98](#).

il-każ, wara li kejlet l-effetti reali tal-aġir inkwistjoni fuq it-traffiku tas-servizzi ta' tqabbil ta' prodotti li joriġina mill-paġni ta' riżultati ġenerali ta' Google, il-Kummissjoni wriet, fuq bażijiet suffiċjenti, li dan it-traffiku kien jirrappreżenta parti kbira mit-traffiku totali tagħhom, li din il-parti ma setgħetx tiġi effettivament issostitwita minn sorsi oħra ta' traffiku, bħar-reklamar (AdWords) jew l-applikazzjonijiet tat-telefonija mobbli, u li minn dan kien potenzjalment jirriżultaw l-għajbien tas-servizzi ta' tqabbil ta' prodotti, tnaqqis fl-innovazzjoni fis-suq tagħhom u għażla iktar ristretta għall-konsumaturi, elementi karatteristiċi ta' tidjif tal-kompetizzjoni.

Il-Qorti Ġenerali barra minn hekk tiċħad l-argument ta' Google li jgħid li l-kompetizzjoni kienet baqgħet haġja fis-suq tas-servizzi tat-tqabbil ta' prodotti minħabba l-preżenza **tal-pjattaformi merkantili** f'dan is-suq. Il-Qorti Ġenerali effettivament tikkonferma l-analiżi tal-Kummissjoni li tgħid li **dawn il-pjattaformi ma humiex fl-istess suq**. Anki jekk iż-żewġ kategoriji ta' siti joffru funzjonijiet ta' tiftix ta' prodotti, dan ma jseħx taħt l-istess kundizzjonijiet u l-utenti, kemm jekk ikunu l-internawti kif ukoll jekk ikunu l-bejjieġha bl-internet, ma jużawhomx mill-istess perspettiva, iżda jekk ikun il-każ, b'mod komplementari. Il-Qorti Ġenerali għalhekk taqbel mal-Kummissjoni meta tgħid li l-perssoni kompetittiva tal-pjattaformi merkantili fuq Google hija dgħajfa. Hija tispeċifika li, anki li kieku l-pjattaformi merkantili kienu fl-istess suq bħas-servizzi ta' tqabbil ta' prodotti, l-effett antikompetittivi identifikat kien ikun suffiċjenti sabiex l-aġir ta' Google jiġi kklassifikat bħala abbużiv għaliex, fil-pajjiżi kollha kkonċernati, parti kunsiderevoli ta' dan is-suq, dik tas-servizzi ta' tqabbil ta' prodotti, kienet tkun affettwata. Il-Qorti Ġenerali **għalhekk tivvalida l-analiżi tal-Kummissjoni dwar is-suq tat-tiftix speċjalizzat għat-tqabbil ta' prodotti**.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tqis li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-aġir ta' Google kellu effetti antikompetittivi, anki potenzjali, fis-suq **tat-tiftix ġenerali** u b'konsegwenza ta' dan tannulla l-konstatazzjoni ta' ksur biss fir-rigward ta' dan is-suq.

III. Il-Qorti Ġenerali teskludi l-eżistenza ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi eventwali għall-aġir ta' Google

Sabiex tkompli tikkontesta n-natura abbużiva tal-aġir tagħha, Google invokat, minn naħa, il-karatteristiċi allegatament favorevoli għall-kompetizzjoni tal-aġir tagħha, fis-sens li dan tejjeb il-kwalità tas-servizz tagħha ta' tiftix u kkumpensa l-effett ta' esklużjoni marbut mal-prattika kontenzjuża u, min-naħa l-oħra, il-limitazzjonijiet tekniċi li pprekludew lill-Google milli tiżgura l-ugwaljanza ta' trattament mfittxija mill-Kummissjoni.

Il-Qorti Ġenerali tiċħad dawn l-argumenti. Hija tiddeċiedi, minn naħa, li għalkemm l-algoritmi ta' klassifikazzjoni tar-riżultati ġeneriċi jew il-kriterji ta' pożizzjonament u ta' preżentazzjoni tar-riżultati speċjalizzati għal prodotti ta' Google setgħu, bħal tali, jirrappreżentaw titjib tas-servizzi tagħha b'kontenut favorevoli għall-kompetizzjoni, din iċ-ċirkustanza ma tiġġustifikax il-prattika kontenzjuża, jiġifieri, nuqqas ta' ugwaljanza fit-trattament bejn ir-riżultati tas-servizz ta' tqabbil ta' prodotti ta' Google u dawk tas-servizzi kompetituri ta' tqabbil ta' prodotti. Il-Qorti Ġenerali tqis, min-naħa l-oħra, li **Google għadha ma wrietx titjib fl-effiċjenza marbut ma din il-prattika li jikkumpensa l-effettivi tagħha għall-kompetizzjoni**.

IV. Il-Qorti Ġenerali, wara evalwazzjoni ġdida tal-ksur, tikkonferma l-ammont tas-sanzjoni

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-argumenti ta' Google li fihom issostni li ma kellha tiġi imposta ebda sanzjoni. B'mod partikolari, la l-fatt li din kienet l-ewwel darba li l-Kummissjoni analizzat it-tip ta' aġir inkwistjoni fid-dawl tar-regoli tal-kompetizzjoni, la l-fatt li fi stadju tal-proċedura hija setgħet indikat li ma setgħetx timponi ċerti modifiki tal-prattiki tagħha fuq Google u lanqas il-fatt li hija kienet aċċettat li tipprova ssolvi l-każ permezz ta' impenji meħuda minn Google, ma jipprekludu li din tiġi suġġetta għal sanzjoni.

Barra minn hekk, wara li wettqet evalwazzjoni xierqa tal-fatti sabiex tiddetermina l-livell tas-sanzjoni, il-Qorti Ġenerali tikkonstata, minn naħa, li l-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, limitat għas-suq tat-tiftix ġenerali, ma għandux effett fuq l-ammont tal-multa, peress li l-Kummissjoni, sabiex tiddetermina l-ammont bażiku tal-multa, ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni l-valur tal-bejgħ f'dan is-suq. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali tenfasizza n-natura partikolarment

serja tal-ksur, u, għalkemm tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-abbuż ma ġiex approvat fis-suq tat-tiftix ġenerali, hija tiegħu wkoll inkunsiderazzjoni l-fatt li l-aġir inkwistjoni ġie adottat b'mod intenzjonali u mhux b'negliġenza. Fi tmiem l-analiżi tagħha, il-Qorti Ġenerali tqis li **I-ammont tas-sanzjoni pekunjarja imposta fuq Google għandu jiġi kkonfermat.**

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355